



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

Il-Lussemburgu, is-6 ta' Novembru 2012  
ECA/12/44

## Rapport Annwali 2011: Mistoqsijiet Frekwenti

### 1. Il-QEA approvat il-kontijiet tal-2011?

**Il-QEA approvat il-kontijiet tal-2011 bħala kompleti u preċiżi, imma sabet wisq żbalji fil-pagamenti ta' bażi.** Il-QEA tikkonkludi li l-kontijiet tal-2011 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE u r-riżultati tagħha għas-sena. Madankollu, il-QEA reġgħet sabet livell inaċċettabbli ta' żball fil-pagamenti ta' bażi, li jwassal għal opinjoni avversa dwar l-infiq.

### 2. X'tirrappreżenta r-rata ta' żball stmata ta' 3,9 %?

**3,9 % huwa l-impatt finanzjarju ta' żbalji fin-nefqa baġitarja tal-UE, fejn dan l-impatt jista' jiġi kkwantifikat.** Il-QEA tuża l-ittestjar tal-verifika tagħha biex tidentifika żbalji fil-pagamenti. L-iżbalji huma kkawżati minn nuqqas ta' konformità tal-benefiċjarji mar-regoli li jirregolaw l-infiq. L-impatt ta' wħud mill-iżbalji jistgħu jiġu kkwantifikati, imma oħrajn le. Ir-rata ta' żball stmata tirrifletti l-impatt finanzjarju ta' żbalji kwantifikabbli. Din kienet 3,9 % għan-nefqa baġitarja tal-UE għall-2011 fit-totalità tagħha.

### 3. Kif jiġu mqabbla r-riżultati tal-2011 ma' dawk tal-2010?

**Ir-riżultati tal-verifika għall-2011 huma simili ħafna għal dawk tal-2010.** Ir-rata ta' żball stmata għall-pagamenti tal-UE fit-totalità tagħhom telgħet minn 3,7 % fl-2010 għal 3,9 % fl-2011. Din mhijiex differenza sinifikanti f'livell ta' statistika, li tindika li s-sitwazzjoni għadha simili b'mod kumplessiv.

### 4. X'tirrappreżenta l-frekwenza tal-iżbalji?

**Il-frekwenza tal-iżbalji tkejjel il-proporzjon ta' dñul jew ta' tranżazzjonijiet ta' pagament li jkun fihom żball wieħed jew aktar.** L-impatt finanzjarju ta' wħud mill-iżbalji jista' jiġi kkwantifikat, imma oħrajn mhumiex kwantifikabbli. Il-frekwenza ta' żball dejjem tkun oġġla mir-rata ta' żball stmata minħabba li l-iżbalji kwantifikabbli biss huma inklużi fil-kalkolu tar-rata ta' żball, u ħafna għandhom biss impatt finanzjarju baxx. Pereżempju, il-QEA ssib ħafna każijiet ta' bdiewa li jikklejmjaw b'mod eċċessiv l-erja ta' art eliġibbli tagħhom, imma dawn huma perċentwali żgħar biss ta' klejms individwali.

### 5. Kif isiru l-iżbalji?

**Isiru żbalji meta l-benefiċjarji ma jikkonformawx mar-regoli meta jikklejmjaw finanzjament tal-UE.** Biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-UE, il-benefiċjarji huma obbligati jikkonformaw ma' regoli speċifiċi tal-UE, u f'xi każijiet, regoli nazzjonali. Isiru żbalji meta jinkisru dawn ir-regoli. Pereżempju bdiewa li ma jonorawx l-

ECA PRESS

12, rue Alcide De Gasperi - L - 1615 Luxembourg

Mowbajl: (+352) 621 552 224 Tel. tal-Uffiċċju: (+352) 4398 45410

[press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu) Twitter: @EUauditorsECA

impenji ambjentali tagħhom, promoturi tal-proġetti li ma jirrispettawx ir-regoli tal-akkwist pubbliku u ċentri tar-riċerka li jikklejmjaw spejjeż mhux marbuta mal-proġetti ffinanzjati mill-UE. Ir-Rapport Annwali 2011 jaġhti ħafna eżempji ta' żbalji li nstabu matul l-ittestjar tal-verifika.

## 6. L-iżbalji jfissru frodi?

**Proporzjon żgħir ħafna biss ta' żbalji huma riżultat ta' frodi.** Il-frodi hija att ta' qerq apposta biex jinkiseb benefiċċju. Il-QEA ssib għadd żgħir ta' frodi suspettużi kull sena. Dawn jiġu rrapportati lill-OLAF (l-uffiċċju tal-Unjoni kontra l-frodi) li jinvestiga u jsegwi kull każ kif ikun neċessarju.

## 7. Xi rwol għandhom l-Istati Membri fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE?

**L-Istati Membri għandhom rwol ewlieni fil-ġestjoni u l-kontroll ta' 80 % tal-fondi tal-UE.** Filwaqt li l-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà kumplessiva għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, il-ġestjoni tal-infiq fil-agrikoltura u fil-koeżjoni hi kondiviża mal-Istati Membri. L-20 % tal-baġit li jkun għad fadal hu ġestit direttament mill-Kummissjoni. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jeħtieġu joperaw sistemi effettivi ta' ġestjoni u kontroll (inklużi d-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji). Ir-Rapport Annwali 2011 fih ħafna eżempji ta' dgħufijiet li nstabu mill-QEA fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll kemm fil-livell tal-Istati Membri u kemm fil-livell tal-Kummissjoni.

## 8. Ir-Rapport Annwali 2011 jidentifika l-Istati Membri bl-aġar prestazzjoni?

**Ma jsir l-ebda tqabbil bejn l-Istati Membri.** Il-QEA tagħti l-opinjoni tal-verifika tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, li tiġi organizzata madwar l-oqsma tal-politika u mhux madwar linji nazzjonali. Ir-riżultati dettaljati tal-verifika tal-UE jaġhtu lok għat-tqabbil bejn l-oqsma differenti ta' nfiq, imma mhux bejn l-Istati Membri. Madankollu, ir-Rapport Annwali tabilħaqq fih valutazzjonijiet tal-kwalità tas-sistemi fi ħdan oqsma ta' nfiq ta' kampjuni ta' Stati Membri.

II-PAKKETT TAL-ISTAMPA tar-Rapport Annwali 2011 fi 22 lingwa tal-UE [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu)